**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR GINO CAMILLERI LL D**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Jannar 2002**

**Citazzjoni Numru 1830/01**

**Numru 3**

**Doreen MAGRI**
**vs**
**Konrad GATT**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin lira maltin (LM5250) skond l-iskrittura datata 19 ta' Gunju 2001 liema skrittura qed tigi mmarkata bhala Dokument A.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas din is-somma baqa' inadempjenti.

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Illi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u, ghalhekk, jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-konvenut ighid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin lira maltin (LM5250).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax mill-10 ta' Dicembru 1999 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' l-attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preksritt mil-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingahta llum stess, bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazjzoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenut.

Imhallef

Noah Zammit
Deputat Registratur